MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## KEVIN MOMPALAO

Seduta tat-12 ta' Jannar, 2012

Talba Numru. 23/2011

Mobisle Communications Ltd.

vs

Ronald Kitcher

It-Tribunal;

Ra’ l-avviz tat-talba prezentat fl-20 ta’ Settembru 2011 illi permezz tieghu l-Kumpanija Mobisle Communications Limited irreklamat minghand Ronald Kitcher is-somma ta’ mitejn u sitta u sebghin Ewro u sebgha u erbghin centezmu (€ 276.74), import ta’ servizz ta’ telfone cellulari bin-numru 79528500. Dan bl-ispejjez kollha inkluzi dawk ta’ l-ittra spedita ai termini ta’ l-artikolu 166A tal-Kap 12

tal-Ligijiet ta’ Malta fit-23 ta’ Settembru 2010 bin-numru 3132/2010, u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenut.

Ra illi minkejja li fis-seduta ta’ l-20 ta’ Ottubru 2011 il-konvenut iddikjara li kien ser jipprezenta risposta, eventwalment mhux talli ma prezentax tali risposta izda talli fit-28 ta’ Dicembru 2011 prezenta nota ta’ ammissjoni.

Ra l-istess nota ta’ ammissjoni ffirmata mill-konvenut innifsu.

Ikkunsidra

Illi fid-dawl tal-ammissjoni tal-konvenut, it-Tribunal ghandu jilqa t-talbiet attrici in toto.

Illi fin-nota ta’ ammissjoni tieghu l-konvenut jghid illi huwa ‘jixtieq’ illi jinghata l-fakolta li jhallas dan id-debitu bin-nifs minhabba l-problemi finanzjarji tieghu.

Illi ghalkemm it-Tribunal jifhem illi debitur jista ma jkunx f’sitwazzjoni florida, il-ligi ma taghti l-ebda jedd lit-Tribunal sabiex jakkolji talba simili u konsegwentament jordna hlas bin-nifs. Tali sitwazzjoni trid tkun konsentita minn l-attur fil-kawza.

Fic-cirkostanzi , ghalhekk, ghalkemm it-Tribunal ma huwa ser jaghmel l-ebda ordni simili jistieden lill-kumpanija attrici sabiex tara u tiddeciedi hi jekk wara li tottjeni it-titolu

ezekuttiv permezz ta' din is-sentenza, tkunx lesta tikkonsentixxi ghal tali metodu ta' hlas.

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi din il-kawza billi jilqa t-talbiet attrici, jikundanna lill-konvenut ihallas lill-kumpanija attrici s-somma ta' mitejn u sitta u sebghin Ewro u erbgha u sebghin centezmu (€276.74), bl-imghax mid-data tal-prezentata ta' dan l-avviz.

Bl-ispejjez kollha, inkluz ta' l-ittra uffcjali msemmija fl-avviz tat-talba kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------